22003D0164

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 164/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Protokoll 31 li jinsab mal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni fl-oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE;

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ejonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokollli jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 102/2000 tal-10 ta' Novembru 2000 ([1]).

(2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadaotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: "Enerġija Intelliġenti – Ewropa" (2003 sal-2006) ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex ikun jippermetti għal din l-estensjoni ta' kooperazzjoni li sseħħ mill-1 ta' Jannar 2003,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 14 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim huwa emendfat kif ġej:

1. il-paragrafu ġdid li ġej huwa mdaħħal wara l-paragrafu 2d:

   "2e. Mill-1 ta' Jannar 2003, l-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw fil-programm tal-Komunità imsemmi fil-paragrafu (g) u f'azzjonijiet bis-saħħa tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-qasam speċifiku tal-programm 'Coopener' u azzjonijiet bis-saħħa tiegħu.";

2. dan li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 5:

   "g) **32003 D 1230**: id-Deċiżjoni nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għal azzjoni fil-qasam tal-enerġija: 'Enerġija Intelliġenti – Ewropa' (2003 sal-2006) (ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 29).";

3. "il-paragrafu 5(a), (b), (ċ), (d), (e) u (f)" fil-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 għandhom jiġu sostitwiti bi "il-paragrafu 5(a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum li jiġi wara l-aħħar notifikazzjoni lill-Kumitat Konġunt ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Huwa għandu tgħodd mill-1 ta' Jannar 2003.

([1]) ĠU L 7, tal-11.1.2001, p. 38
([2]) ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 29.
(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN